# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 21**

**Citaz. numru 2328/98 RCP**

**Nazzareno Camilleri**

**vs**

**Joseph Buhagiar**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dan l-att tac-citazzjoni kontra l-konvenut biex jigi kkundannat jirrentegrah fil-pussess ta' passagg minnu ezercitat :-

"L-attur ippremetta :-

Illi l-attur jokkupa sitt porzjonijiet divizi ta' art f'is-Santi Mgarr b'titolu ta' qbiela ; u
Illi l-konvenut jokkupa bicca art agjacenti ghal dik ta' l-attur ; u

Illi l-konvenut jokkupa bicca art agjacenti ghal dik ta' l-attr ; u

Illi in oltre l-attur ghandu dritt ta' passagg minn fuq l-art okkupata mill-konvenut sabiex b'hekk ikollu access ghall-art imqallba lilu ; u

Illi recentement il-konvenut klandestinament bi vjolenza u minghajr dritt fil-Ligi pogga hadid fil-passagg b'mod li ostakola l-access li ghandu l-attur, oltre li dawwar zewg swieqi ghal fuq ir-raba ta' l-attur ; u

Illi dan l-agir abbussiv tal-konvenut qieghed ikun ta' dannu ghall-attur.

L-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddikjara l-konvenut ikkommetta spoll a dannu ta' l-attur billi qieghed jichdu mill-access fuq imsemmi u billi dawwar zewg swieqi ghal fuq ir-raba tieghu.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jirripristinaw kollox fi stat li kien u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti.

3. Tawtorizza lill-konvenut sabiex fin-nuqqas jaghmel dan ix-xoghol hu a spejjez tal-konvenut okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kienx minnu illi hu klandestinament, bi vjolenza u kontra l-ligi ostakola l-access tal-attur li dan kellu bir-rigel jew naqqas xi dritt ta' l-attur li jircievi xi ilma fuq l-art tieghu u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Sostna ghalhekk li hu kellu jigi liberat bl-ispejjez kontra l-attur.

**DIKJARAZZJONIJIET TA' FATT**

Il-konvenut a fol. 8A tal-process iddikjara illi l-attur kien igawdi biss dritt ta' passagg bir-rigel u li l-istess attur qatt ma kien gie mcahhad minn dan id-dritt u konsegwentement ma kien sofra ebda spoll. Inoltre z-zewg swieqi kienu biss gew irrangati b'mod li jnaqqsu l-inkonvenjent fl-iskular tal-ilma ghall-konvenut pero' bl-ebda mod ma kienet giet imdawra l-korsa originali tal-ilma f'sens li gie aggravat min kien jircivieh. Fit-13 ta' Jannar 1999, il-konvenut iddikjara u vverbalizza fl-atti illi hu kien ghamel il-hadid in kwistjoni fl-ghalqa tieghu, u li dan kien ghamilhom bil-hsieb illi eventwalment jaghmel xatba. L-ewwel Qorti kienet innominat perit tekniku, l-AIC Frederick Doublet, biex jaccedi fuq il-post u jaghmel il-kostatazzjonijiet mehtiega fir-rigward tal-access pretiz mill-kontendenti, jivverifika l-posizzjoni u l-entita' tal-passagg imsemmi fl-att tac-citazzjoni kif ukoll l-ostakoli li minnhom kien qed jilmenta l-attur. L-ewwel Qorti wkoll ghamlet access li fih gew indikati iz-zewg hadidiet mertu tal-kawza odjerna u z-zewgt iswieqi. Fir-rigward tat-tieni sieqja, l-attur iddikjara li ma kien baqghalu ebda ilment peress li fil-mori tal-kawza, parti mill-konkos u gebla li tqeghdu mill-konvenut, inqalghu wahedhom, u ghalhekk fir-rigward tal-istess il-problema kien gie risolt.

**DECIDE**

B'sentenza tat-30 ta' Novembru 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi,

"filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, taqta' u tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi :-

(1) Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll a dannu tal-attur billi qieghed jichdu mill-access indikat fic-citazzjoni u billi dawwar l-ewwel sieqja ghal fuq ir-raba tieghu. Illi dwar it-tieni sieqja, in vista tal-verbal tal-istess attur waqt l-access, il-problema giet risolta minhabba dak li gara fil-mori tal-kawza, u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex qed tiehu konjizzjoni tal-istess talba in kwantu tirrigwarda din it-tieni sieqja.

(2) Tikkundanna lill-konvenut jipprestina kollox fi stat li kien, kemm a rigward l-access u ghalhekk it-tnehhija taz-zewg bicciet hadid in kwistjoni elenkati f'Dok. FD3 a fol. 79 tal-process, u kemm ghar-rigward l-ewwel sieqja, u dan fi zmien tletin gurnata millum, taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett, Frederick Doublet.

(3) Tawtorizza lill-attur, fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan ix-xoghol fit-terminu fuq indikat, sabiex jaghmel huwa stess dan ix-xoghol, taht id-direzzjoni tal-istess Perit Arkitett Frederick Dobulet, kollox a spejjez tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut."

## <u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"**<u>Mertu tal-kawza</u>**

Illi din hija kawza ta' spoll ipprivilegjat fejn l-attur qed isostni li l-konvenut bi vjolenza u bla dritt fil-ligi (a) ostakola l-passagg tal-attur mill-ghalqa okkupata mill-konvenut billi pogga zewg hadidiet; u *di piu* dawwar zewgt iswieqi, u fil-mori tal-kawza peress li nqalghu xi gebel, giet ristretta ghal sieqja wahda, ghal fuq ir-raba tal-attur.

Illi l-kontestazzjoni hija li dwar il-passagg, il-konvenut qed isostni li l-attur kellu biss dritt ta' passagg bir-rigel u dan qatt ma gie ostakolat, u *di piu* dwar is-swieqi huwa ma ghamel xejn biex jippregudika lill-attur, izda x-xogholijiet li saru, gew esegwiti biss sabiex jitnaqqas inkonvenjent lill-istess konvenut innifsu.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Illi l-azzjoni odjerna hija dik ta' spoll ai termini tal-**Artikolu 534** tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaliha japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 791** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li a bazi tal-istess l-elementi essenzjali tal-ispoll huma :-

i) **possedesse**
ii) **spoliatum fiusse**
iii) **infre bimestre deduxisse**

Illi ghalhekk sabiex tirnexxi l-istess azzjoni ta' spoll, tali rekwisiti jridu jigu ppruvat mill-attur, pero' dak li jrid jigi ppruvat huwa pussess ta' liema xorta jkun, anke nascenti minn kawza ingusta (**"Cassar vs Cassar"** - Vol. XXXVIII.I.123), anke prekarju (**"Vincent Chircop vs Emanuel Galea"** – VBC. 26.06.1987) ; u anke pussess qasir **"Kan. Salvatore Ellul vs Kan. Gius. Farrugia"** – Vol. XXXVII.II.642).

Illi in effetti intqal fis-sentenza **"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri pro et nomine"** (A.C. 26 ta' Jannar 1996 – XXXVII.I.280) ribadit fis-sentenza ta' din il-Qorti **"Natalino Agius et vs Antonia Said"** (13 ta' Jannar 1999 – Citaz. Numru 2426/97/RCP) :-

*"illi huwa bizzejjed pussess kwalunkwe anke purament materjali u di fatto –b'dan li l-attur ghandu jipprova li ghandu "un possesso di fatto". L-atti ta' mera tolleranza ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess."*

Tal-istess portata hija s-sentenza **"Joseph Vella proprio et nominme vs Salvu Micallef"** (JSP 30.4.1991 – LXXV.iii.695) fejn sostniet illi :-

*"Ghall-azzjoni ta' spoll huwa bizzejjed li l-persuna spoljata tigi mnezza mill-pussess ta' liema xorta jkun. U dan jinghad mhux biss ghan-natura ta' pussess, izda anke ghaz-zmien. Anki pussess qasir hafna u sahansitra pussess momentarju huwa bizzejjed sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll".* **("Kan. Salvatore**

**Ellul vs Kan. Giuseppe Farrugia**" – 7.02.1953. A.M. – XXXVII.II.642).

Illi fil-fatt huma diversi s-sentenzi li jghidu li tali azzjoni hija ta' natura ta' ordni pubbliku, tant li fis-sentenza **"Dentist Pasquale Demajo vs Michael Mallia noe"** (JDC – 9.12.1993 – Vol. LXXVII.IV.359) li mxiet fuq dak li gie ritenut fis-sentenza **"Francesco Mifsud vs Michele Cassar"** (A.C. 8 ta' Marzu 1943 – Vol. XXXII.I.296) li sostniet illi :-

*"L-azzjoni ta'spoll gejja mid-dritt Ruman, "de vi et clandestina possessione" kienet sensibilment modifikata mid-Dritt Kanoniku u fid-Dritt Sikulu. Id-Dritt Kanoniku introduca l-principju "spoliatus ante omnia restituendus", ibbazata fuq il-konsiderazzjoni ta' ordni pubbliku illi dak li jigi spoljat vjolentament jew klandestinament, ghandu jigi difiz mit-tribunali, u min ikun ghamel dak l-ispoll ma jkunx jista' jgib ebda difiza".*

Tal-istess skorta huma s-sentenzi **"Elisia Cesareo vs Victor Trapani"** (26.06.1950 – XXXIV.II.594) u **"Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia"** (24.11 – XLII.897). Huwa ghalhekk ma humiex ammessibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji **("Margherita Fenech vs Paula Zammit"** (P.A. 12.04.1958 – XXLI.D.973) ; **("Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – A.C. 23 ta' Jannar 1998).

Dawn il-principji gew ilkoll segwiti mis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"C. Fino & Sons Limited vs Marketing & Consultancy Limited"** (Citaz. Nru. 1596/98/RCP deciza fl-1 ta' Lulju 1999) u **"Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri et nomine"** (Citaz. Numru. 1704/98/RCP deciza 29 ta' April 1999) fejn ghamilhom qed issir riferenza u ghas-sentenzi hemm citati fosthom is-sentenza **"Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et"** (FGC – 12 ta' Gunju 1998) li sostniet li ghalhekk :-

*"Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dak li tistabilixxi (a) il-fatt ta' pussess/ detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima , rigoruza u skarna li ma tinsab fl-ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk bir-rispett kollu ghad-decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x'jghidu u x'ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna"* **("Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** – A.C. 9.03.1992) ; **"Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar"** – 23.10.1998).

**Applikazzjoni ghall-kaz in ezami**

Illi l-provi prodotti miz-zewg partijiet huma konfliggenti dwar l-uzu tal-istess passagg mill-attur ghal fuq il-proprjeta' okkupata mill-konvenut ; pero' jirrizulta mill-provi li l-kontestazzjoni odjerna hija dwar il-fatt li l-attur qed isostni li huwa kellu dritt ta' passagg anke bil-vettura tieghu minn fuq ir-raba okkupata mill-konvenut, mentri minn naha l-ohra l-istess konvenut isostni illi dan id-dritt ta' passagg ma kienx jestendi ghall-karozza izda bil-pass u bir-rigel biss.

Jibqa' pero' l-fatt li l-konvenut ghall-habta ta' Ottubru 1998, ghamel zewg bicciet hadid fl-ingress ghar-raba tieghu kif jidher indikat fir-ritratt immarkat Dok. FD. 4 a fol. 79 tal-process, u dan sostna li ghamlu biex jaghmel speci ta' xatba, li fil-fatt sallum ghada ma tezistix fl-istess post.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta li tali hadid tpoggew mill-konvenut, sabiex jostakola lill-attur milli jidhol fl-ghalqa tieghu bil-vetturi, in esercitazzjoni tad-dritt li l-istess attur jallega li ghandu.

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-attur hija iktar verosimili, fis-sens li huwa kien jghaddi mill-istess passagg fuq l-art okkupata mill-konvenut, permezz tal-vetturi tieghu, u dan huwa ppruvat u kkoroborat ukoll mill-fatt, li saru tali hadid mill-konvenut, proprio sabiex jostakolaw lill-attur mill-istess access.

Illi a bazi tas-sentenzi fuq citati, l-unika ezami li din il-Qorti trid taghmel, huwa jekk l-attur kellhux il-pussess minnhu allegat fil-mument tal-ispoll, u a bazi tal-provi prodotti mill-istess attur, u wkoll a bazi ta' dak li nnotat fuq il-post l-istess Qorti, jidher car li l-attur kien qed juza tali passagg bil-vetturi tieghu, u tali hadid impoggija mill-konvenut ma kienux iservu ghal xejn izjed hlief sabiex jostakolaw tali passagg, uzat mill-attur bil-vettura tieghu. Sa hawn ser tieqaf ma humiex mertu ta' din il-kawza, u l-importanti f'dan l-istitut, huwa li wiehed ma jigix inkoraggit li jiehu l-ligi f'idejh, izda ghandu jaghmel rikors sabiex jottjeni d-drittijiet tieghu, skond il-mezzi permessibbli skond il-ligi, pero' certament mhux arbitrarjament.

Illi l-istess jinghad dwar is-swieqi, fejn jirrizulta li saru xogholijiet fl-istess niezla, b'mod li ilma gie dirett ghal fuq l-ghalqa tal-attur, u ma hemm ebda dubbju li tali xogholijiet gew maghmula mill-istess konvenut, kif huwa stess sostna, ghalkemm ghar-ragunijiet differenti.

Illi pero' tali ragunijiet jikkontrastaw ma' dak li gie relatat mill-perit tekniku u f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghall-kostatazzjoni tal-perit tekniku fuq dan il-punt li sostna illi l-passagg tal-konkrit, fil-posizzjoni fejn hemm il-hadidiet, jinzel ghad-distanza twila u fl-

opinjoni tal-esponenti jilhaq jigbor kwantita' ta' ilma. Illi huwa kompla f'dan is-sens :-

*"Illi dan l-ilma, peress li hemm kurva fil-passagg quddiem il-hadidiet, bil-velocita' tieghu, anke minghajr il-hotba (tas-sieqja), ikollu tendenza li jidhol fl-ghalqa. Illi biex wiehed jghid hekk, il-hotba ffurmata mill-konkos tkompli theggeg lill-proporzjon minn dan l-ilma, (ghaliex meta jkun hemm hafna ilma bicca minnu jibqa' ghaddej fin-nizla tal-passagg), li jmur mill-ghalqa."*

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, dan l-accertament mill-perit tekniku, ma jhalli ebda dubbju li l-allegazzjoni attrici giet ukoll hawn ippruvata fis-sens li bix-xoghol li ghamel il-konvenut fl-istess l-ewwel sieqja, huwa abbusivament dawwar il-passagg tal-ilma ghal fuq l-art tal-attur, u ghalhekk f'dan il-konfront it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha."

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. Fl-aggravju tieghu hu ppremeta qabel xejn illi ma kien bl-ebda mod qed jikkontesta l-elementi tal-azzjoni tal-ispoll privileggjat, sewwa u dettaljament esposti fis-sentenza appellata. Jilmenta pero' illi l-ewwel Qorti kienet injorat totalment ix-xhieda kollha prodotti u li kieku ghamlet analizi attenta taghhom, hi kellha tasal ghall-konkluzzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha. Hu jissottometti illi mill-provi kellu jirrizulta car "xi drittijiet ta' passagg ghandu l-appellat". Jissokta jghid illi minn imkien ma jirrizulta li hu kien b'xi mod cahhad lill-appellat mid-<u>dritt tieghu ta' passagg</u> minn fuq ir-raba tieghu u infatti jirrikonoxxi l-fatt li l-appellat kellu <u>dritt ta' passagg</u> minn fuq l-istess raba <u>bil-pass u bil-fakolta' li jdahhal mutur tal-hart</u>.

Jidher li t-tezi tal-appellant hi illi filwaqt li jammetti li saru xogholijiet – u dan hu manifestament provat – dawn l-istess xogholijiet saru minnu fuq l-art proprjeta' tieghu, (dan ukoll provat) imma fil-kors ta' dawk ix-xogholijiet l-appellant qatt ma kien laqa' lill-appellat jew cahdu mid-dritt tieghu li jghaddi minn fuq hwejgu bir-rigel jew bil-mutur tal-hart. Inoltre x-xogholijiet, kif kienu intenzjonati li jsiru fil-mument meta l-appellant waqaf milli jkomplihom u li minnhom il-hadid in kwistjoni kienu parti, kienu intizi proprju biex jipprovdu sigurta' ghall-proprjeta' tal-appellant filwaqt li jippermettu lill-appellat jezercita proprju d-dritt tieghu li jghaddi minn fuq hwejjeg l-istess appellant bir-rigel jew bil-mutur tal-hart.

L-aggravju kollu kif redatt pero' ikompli fil-verita' jiggustifika l-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti illi x-xogholijiet intraprezi mill-appellant kienu proprju indikati biex jilqghu lill-appellat milli jkompli jgawdi l-pussess ta' dritt ta' passagg bil-vetturi illi hu materjalment kien qed jezercita ghal certu numru ta' snin u li l-appellant kien qieghed jikkontestalu. Din il-kontestazzjoni dwar il-pussess tad-dritt ta' passagg jew ahjar tal-estenzjoni tieghu illi l-appellat di fatto kien qieghed igawdi u li l-appellant kien qieghed jikkontestalu u l-azzjoni unlaterali da parti tal-istess konvenut appellant li jiddisturba anke jekk b'raguni valida dak il-pussess u jbiddel l-istatus quo minghajr awtorita' gudizzjarja, kienu jipprovdu z-zewg elementi kardinali tal-azzjoni ta' spoll privileggjat – *possedisse u spoliatum fuisse.*

L-enfasi imbaghad fl-aggravju tal-appellant fuq l-identifikazzjoni tad-dritt ta' passagg illi hu jammetti li ghandu l-appellant minn fuq ir-raba tieghu in kwantu dan tal-ahhar kellu fondi interkjuzi u inaccessibbli minn toroq pubblici, tisposta l-aggravju minn fuq il-possessorju ghall-petitorju. Kif risaput, mhux lecitu ghall-Qorti l-azzjoni ta' spoll bhal dik taht ezami li tinoltra ruhha f'ezami ta' materji li jmorru lil hinn mill-pussess u t-turbament tieghu. Dan hu ormai pacifiku. Dan l-aspett tal-vertenza kellu jibqa' impregudikat bejn il-kontendenti biex jigi definit u determinat fl-azzjoni proprja li fiha tigi sewwa ventilata l-kwistjoni ta' xi dritt ezattament kellu l-appellat u sa fejn dak id-dritt kien jestendi fl-ezercizzju ta' servitu legali li kien jintitola lil min ikollu raba interkjuz biex jaccedi ghalih minn fuq ir-raba. Dak il-mertu kien pero' jezorbita mill-azzjoni prezenti li kienet mirata biss u esklussivament ghar-reintegrazzjoni tal-attur fil-pussess turbat kemm fir-rigward tal-jedd ta' passagg kif ukoll fir-rigward tal-iskular tal-ilma, turbament li *ex admissis* gie fattwalment kagunat b'xogholijiet esegwiti mill-konvenut appellant.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi l-pilastri tal-hadid imqieghda minnu, filwaqt li setghu wkoll kienu intenzjonati biex iservu ta' support ghax-xatba illi l-istess konvenut xtaq jaghmel fuq ir-raba tieghu kien ser ikollhom u fil-fatt kellhom l-effett inevitabbli illi, bil-forza, jillimitaw materjalment il-passagg tal-attur u jimpeduh milli jutillizza l-istess passagg bil-karozza kif jirrizulta li l-istess attur kien qieghed jaghmel. "Ma hemmx bzonn li l-attur jipprova li l-attur jipprova li ghandu pussess

b'titolu ta' proprjeta' jew ta' servitu – kif ripetutament jasserixxi l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu - imma hu bizzejjed pussess kwalunkwe anke pluralment materjali u "di fatto". Ghall-*actio spolii* l-ispoljant ma jistax jirrispondi in difesa li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita' jew le hija rizervata lill-gudizzju petutorju. Il-ligi tipprojbixxi kull eccezzjoni jekk din mhix dilatorja u ghalhekk ebda eccezzjoni perentorja ma hija ammissibbli" (Volum LXXVIII.ii.319). "Dan ghaliex kif inghad, din il-Qorti hija sodisfatta illi mill-provi kellu jidher car illi l-pussess tal-attur kien qed jigi disturbat u li dan kien qed isir kontra l-volonta' tieghu abuzivament u vjolentament. Ghandu jkun car illi jekk l-appellanti kellhom il-hsieb u l-intenzjoni li jbiddlu l-mod kif riedu jezercitaw is-servitu' ta' passagg …… li (l-appellat) kellhom minn fuq ir-raba fil-pussess (taghhom), dan ma setghux jaghmluh jekk mhux bi ftehim mieghu jew fin-nuqqas fl-awtorizazzjoni debita ta' Qorti. Inutili l-appellanti jsostnu illi l-attur ma gie spussessat minn xejn ……" (Volum LXXXII.ii.963). Il-fatti anke jekk kontestati juru xort'ohra.

"Indubbjament l-agir tal-konvenut kien minnu ammess jammonta ghal spoll vjolent u abuziv li "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li *marte proprio* isir kontra l-volonta' tal-persuna spoljata" (Volum XLI.ii.1133). Il-vjolenza f'dan il-kaz tohrog mil-fatt li l-konvenut kontra l-volonta' tal-attur possessur agixxa biex jiehu b'forza dritt li hu jippretendi li ghandu (u cioe' li jwaqqaf lill-appellat milli jezercita dritt ta' passagg b'vettura li

min-naha tieghu hu kien jippretendi li kellu) meta kellu jirrikorri ghal mezzi ohra biex jirrevendika d-dritt tieghu. Hu ghal dawn is-sitwazzjonijiet li l-ligi tipprovdi l-*actio spolii* biex tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali u li l-persuna li giet vjolentement spossessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha, *spoliatus ante omnia restituendum*" (Volum LXXV.ii.695).

Din il-Qorti ma jidhriliex li jehtigilha tillustra aktar il-principji tad-dritt applikabbli ghall-kaz taht ezami. Dawn gew estensivament u minuzjozament u korrettement analizzati fis-sentenza appellata. Din il-Qorti tikkonkorri mal-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant. Iz-zmien ta' tletin jum stabbilit fis-sentenza appellata li fih ix-xogholijiet biex jirreintegraw lill-appellat fil-pussess kellhom isiru taht id-direzzjoni tal-perit arkitett Frederick Doublet kellu jibda jiddekorri mil-lum.

Dep/Reg

mg